TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 21/2026**

Data: It-Tnejn, 26 ta' Jannar 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

**21.1 Ittri ta' apoloġija**

21.1.1 Is-Sindku semma li s-Sa. Anabelle Marmara u s-Sur Glenn Urry talbu li jkunu skużati. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli, tniżżlu bħala skużati.

**21.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 20**

21.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.20 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondati mis-Sur Dasier Damato, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**21.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 19**

21.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia u s-Sur Dasier Damato ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Diċembru 2025 u s-26 ta' Jannar 2026 li kienet tammonta għal €112,624.96.

**21.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 20**

| | |
|---|---|
| **21.4.1 Ground 5-a-side** | Is-Sindku semma li kienet inġabret kwotazzjoni ta' access control, minkejja li din il-kwotazzjoni kienet waħda favorevoli u li kienet ser ittejjeb l-operat intalab li l-kunsill irid ibiddel il-bieb tal-ħadid biex ikun jista' jsir lock tal-elettriku. Semma li l-kwotazzjoni ta' dan il-bieb leħqet kważi l-€5,000 u għaldaqstant kien hemm qbil li dan il-proġett ma jsirx anki peress li xorta ried ikun hemm l-uffiċċjal tas-sigurta' preżenti waqt il-logħob. |
| **21.4.2 Rivista Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li r-rivista ser tkun qed tiġi kompilata sal-aħħar ta' Frar. Semmiet li dawk il-Kunsilliera li mhumiex ser jagħtu punti, hija ma tkunx tista' tniżżel il-ħidma tagħhom. Talbet lis-Sa. Darlene |

TARXIEN
Local Council

Vella sabiex tgħaddilha d-dettalji tal-posters tal-First Aid u Għaqal id-Dar.

**21.4.3 Framework Agreement – Public Works Department**

Is-Sindku semma li dan il-proġett għadu ma bediex minħabba xi ntoppi amministrattivi li nstabu bejn il-Periti tal-Kunsill u dawk tad-Direttorat tax-Xogħolijiet Pubbliċi. Semma li ser tkun qed terġa' tintalab laqgħa. Semma wkoll li l-proġett ta' solar poles ġewwa Ġnien Joanne kien inbeda.

**21.4.4 Intervisti għal Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku semma li l-Kunsill kien irċieva lista ta' kandidati li applikaw għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv ġewwa l-Kunsill. Semma li huwa sakemm m'hemmx Kunsilliera li jridu joqgħodu fuq il-Bord tal-Għażla ser jibqa' jżomm il-pożizzjoni li ħa l-Kunsill f'laqgħat preċidenti li l-bord għandu jkun magħmul skond l-għażla tal-Kunsill min-nies li huma esperti fil-qasam tal-HR u fl-amministrazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'rappreżentanza mill-Kunsill.
Is-Sa. Nicole Farrugia, is-Sur Dasier Damato u s-Sa. Darlene Vella li lkoll huma Membri tal-Bord flimkien ma' rappreżentanti esterni semmew li huma m'humiex komdi jagħmlu ntervisti waħidhom mingħajr membri esperti fuq il-Bord. Semmew li ċerti mistoqsijiet anki il-mod li bih wieħed jistaqsi, il-Bord ikun jista' jevalwa aħjar il-kandidati li ċertament huma bħala Kunsilliera li m'humiex qegħdin fl-HR fil-qasam professjonali tagħhom m'humiex ser jaslu għal dawk il-mistoqsijiet kif ukoll dik l-evalwazzjoni tal-kandidat.

**21.4.5 Attivitajiet tal-Milied**

Is-Sindku semma li l-attivitajiet pjanati li jsiru kienu saru u kienu ta' suċċess. Semma li kienet ġiet ikkanċellata biss il-parata tat-tfal minħabba l-maltemp. Is-Sindku talab lis-Sur Dasier Damato sabiex għal sena oħra

jaħseb ftit qabel sabiex ikun jista' anki jorganizza il-festin tat-tfal.

**21.4.6 Vjal Kulħadd**

Is-Sindku semma li dan il-proġett kien beda.

**21.4.7 Servizz ta' transport bil-van tal-Kunsill**

Is-Sindku semma li l-ħaddiem l-ieħor tal-Komunita' li kien ser jibda jitgħallem ir-rotta tal-van sabiex ikun jista' jagħti servizz wara nofsinhar jidher li ma jistax jaqbad is-sistema.
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li jekk ikun hemm il-ħtieġa wieħed jara jistax joħroġ tender għal xufier.

**21.4.8 Tiżjien tal-Milied**

Is-Sindku semma li t-tiżjien tal-Milied intgħoġob. Semma li l-kuntrattur għadu qed iżarma.

**21.4.9 Bike Racks**

Is-Sindku semma li ġew installati bike racks b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Port b'finanzjament ta' Transport Malta.

**21.4.10 Miżuri ta' traffic Management**

Is-Sindku semma li saret talba minn Transport Malta sabiex tkun tista' titneħħa zebra crossing li saret quddiem garage. Semma wkoll li t-traffic calmers li ntalbu twaħħlu kollha u kienet ser tinqala' biex tiċċaqlaq dik ta' Triq il-Witja.

**21.4.11 Kunsill Lokali ta' tfal**

Is-Sindku semma li dawn jidhru li mhux jiltaqgħu. Is-Sur Dasier Damato semma li waqt attivita' tal-Kunsill kien hemm xi tfal li kienu jattendu l-Kunsill u meta staqsihom humiex ġejjin fid-data li kien hemm pjanata dawn qalu li huma kellhom data oħra għax mexxewhom mat-tfal tal-Kunsill Lokali ta' Paola. Semma li dan ħadd ma kien innotifika l-Kunsill minkejja li huwa talab formalment lil

Malta Foundation for Social Wellbeing sabiex tingħata raġuni għal dan.

**21.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għar-Raba' Kwart tas-Sena 2025 u Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2025**

21.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li din l-approvazzjoni issir f'laqgħa oħra peress li l-accountant ma lestiex id-dokumenti anki minħabba li l-uffiċċjal li tieħu ħsieb ċerti rendikonti finanzjarji kienet talbet li tieħu l-leave.

**21.6 Pjazza Tarxien**

21.6.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill kien qabel ma' shuttle service li qed jopera bħal issa sabiex jibqa' fis-seħħ anki wara li jitlesta l-proġett biex b'hekk wieħed jelimina tal-linja l-kbar li jgħaddu mill-qalba tal-lokal. Semma li din il-proposta tal-Kunsill kienet għaddiet lil TM.

21.6.2 Is-Sindku, semma li wara laqgħa li attenda kif ukoll b'komunikazzjoni mas-Sur Neil Portelli reġgħa qed ikun propost li re-routing approvat tal-Pjazza jerġa' jinqaleb u jibqa' kif inhu bħal ma kien qabel beda l-proġett b'xi tibdil minuri. Pjanta proposta annessa u markata Dok A.

21.6.3 Is-Sur Dasier Damato talab li Triq Pietru Gagliardi tiġi kollha one way, fejn minn Triq San Franġisk titla' għal Triq Pietru Gagliardi. Is-Sur Neil Portelli semma li trid tinbidel anki central strip.

21.6.4 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli kien approvat re-routing tal-pjazza kif propost.

**21.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.7.1 Is-Sindku semma li l-Parata tal-Karnival ser tinżamm nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Frar 2026.

21.7.2 Is-Sindku semma li ser tintbagħat rikjesta fuq il-bust ta' Renzo Gauci lill-Ministru Byron Camilleri sabiex dan il-bust ikun jista' jiġi ffinanzjat. Semma li dan il-bust ser jiġi impoġġi ġewwa Ġnien 2000.

21.7.3 Is-Sindku semma li kienet intbaghatet no objection tal-Pageant mill-Kunsill Lokali.

21.7.4 Is-Sindku semma li kien hemm rikjesta ta' un/loading bay ġewwa Triq San Anard. Talab lis-Sur Portelli jara ftit minħabba l-ħinijiet li ser jitniżżlu fuq it-tabella.

21.7.5 Is-Sindku semma li għaddejja komunikazzjoni ma' Infrastruttura Malta fuq Ġnien Penza. Semma li l-Kunsill ser iqabbad electrical engineer kif ukoll talab li jkun hemm preparazzjoni għall-installazzjoni ta' CCTV's. Semma li kien hemm ukoll bdil żgħir fid-disinn fejn ser tkun qed titħalla l-funtana.

21.7.6 Is-Sindku semma li nhar it-22 ta' Frar ser isir il-kxif tal-monument ta' Mark Farrugia ġewwa Triq Santa Marija Tarxien. Semma li ser ikun mistieden l-Onor. Byron Camilleri kif ukoll ser jingħata s-salut mill-banda tal-Pulizija.

21.7.7 Is-Sa. Darlene Vella semmiet li qed tikkordina biex ikun jista' jibda l-programm ta' taħriġ t'Għaqal id-Dar.

21.7.8 Is-Sa. Darlene Vella semmiet ukoll li ser tkun qed torganizza taħriġ ta' First Aid course li jinkludi t-taħriġ fuq l-użu tal-AED.

TARXIEN

Local Council

**21.8 Aġġornament**

21.8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata fis-sitta u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Frar 2026 fis-18:30 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

J. Abela Galea

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta

Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

Dok A.



S Antnin
Triq Is
Miracle Foods
San Frangisk
Barbara
Marju Schembri
Vigorelli
San Frangisk
Tanti
Simpsons Stationery
Triq il Fieres
Il Fieres
L Iskola
Triq L Annunzjata
Triq L Annunzjata
Santu Wistin
Triq Santu Wistin
Triq Lanzon
Joanne Gardens
Triq It Tarzna
Triq Paola
Belta
Belta
Bir Zebbuga
Santa Marija
Blata
Triq Id-Dejma
Triq Id-Dejma
Triq Iz Zejtun
Bistro
Triq Xintill
Dar Tal Kejka
Triq Joseph Burlo
Spiru Spiter
Spiru Spiter
Tarxien Parish Church
Recently viewed
Repubblika
Birbixkilla
Sant Anna
Sant Anna
Triq Il Kbira
Leonardu